# Lejn aġenda Anti-Razzista fl-edukazzjoni

*Carmel Borg*

**Il-mewġa qawwija ta' preġudizzju razzjali li ħakmet 'il-pajjiż f'dawn l-aħħar ġimgħat ħasdet u nikktet lil kull min qiegħed jaħdem biex il-membri ta' din is-soċjetà jiżviluppaw l-attitudnijiet u l-ħiliet neċessarji biex ikunu jistgħu jgħixu aħjar f'pajjiż li kull ma jmur qiegħed isir aktar multikulturali. L-aktar elementi li spikkaw f'dawn il-ġimgħat ta' manifestazzjoni razzista huma l-injoranza kulturali, in-nuqqas kbir ta' informazzjoni, il-prużunzjoni u l-arroganza ta' min jaf li jista' jirbaħ il-qlub u jħaddar lin-nies billi jiżola kulturi partikolari u jiġġenera klima ta' stmerrija u biża madwarhom. Sfortunatament, l-iskuża tal-libertà tal-kelma, in-nuqqas ta' sofistikazzjoni politika ta' min jikkontrolla l-midja u l-għatx li għandha l-midja għas-sensazzjonaliżmu, qegħdin joffru infrastruttura kulturali li tiffaċilita din l-attività anti-soċjali. L-aċċess faċli għall-mezzi ta' komunikazzjoni popolari, imżewġa ma' sistema legali li ma tipproteġix biżżejjed lill-vittmi tar-razziżmu, tiftaħ it-triq beraħ biex id-diskors razzist isir diskors eġemoniku. Quddiem din l-isfida l-awtoritajiet Ċivili u tal-Knisja għandhom l-obbligu morali u etiku li b'mod attiv jirreżistu l-istrateġija razzista. Is-sistema edukattiva hija waħda mill-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili fejn l-Istat u l-Knisja jistgħu jirreżistu r-razziżmu. Permezz ta' programmi edukattivi mibnija fuq l-affermazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni tad-diversità, l-Istat u l-Knisja jistgħu joħolqu strateġija kontro-eġemonika maħsuba biex l-istudenti żgħar, żgħażagħ u adulti jipperswadu lilhom infushom li l-konflitt kulturali m'huwiex fl-aħjar interess tal-komunità Maltija.**



*CARMEL BORG Ph.D (Toronto) is lecturer in Curriculum Studies, Critical Pedagogy, Social Justice Education and Parental Issues in the Faculty of Education, University of Malta. He is the author and co-author of numerous articles in local and international journals and books. For the past three years he has been involved in the drafting of the new National Minimum Curriculum.*

## Nifhmu t-Terminloġija

Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tad-diskussjonijiet u l-kitbiet riċenti dwar ir-razziżmu kienet il-kunfużjoni fit-terminoloġija u n-nuqqas ta' għarfien tal-kumplessità kunċettwali tas-suġġett. Ħafna mill-protagonisti tad-dibattitu lokali dwar ir-razziżmu urew li m'għandhomx ħakma tajba tal-lingwaġġ normalment użat minn analisti, teoristi, politiċi ppreparati sew, ġurnalisti ta' stoffa u attivisti li qegħdin jikkumbattu din il-forma ta' oppressjoni. Hekk, per eżempju, il-ftit kienu kapaċi jiddistingwu bejn razziżmu u etniċità. Barra minn hekk, il-kelma diskriminazzjoni ntużat b'mod laxk u simplistiku. Minħabba f'hekk, id-dibattitu tilef il-kumplessità tal-kunċett ta' diskriminazzjoni li jinkludi, fost ħwejjeġ oħra, it-tqassim żbaljat u inġust ta' servizzi u riżorsi, ċaħda ta' drittijiet u tbarrija ta' individwi/gruppi minn parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. L-istess simpliċiżmu ntwera madwar il-kunċett ta' identità razzjali u etnika. Ma saret l-ebda analiżi ta' kif tissawwar identità u lokazzjoni razzjali, etnika jew kulturali f'kuntest razzjali partikulari. Problema oħra fid-diskors kien il-fatt li l-kelma razziżmu ntużat b'mod totalizzanti, bħal li kieku din il-kelma tispjega l-fenomeni kollha ta' din l-oppressjoni. Kawża ta' dan id-diskors totalizzanti, id-dibattitu ma ħariġx id-differenzi bejn, per eżempju, razziżmu attiv u razziżmu passiv, razziżmu vertikali u dak orizzontali, u razziżmu internalizzat u kollużjoni razzista.

Komunità edukattiva li trid tirreżisti r-razziżmu ma tistax ma tiffamilajrizzax ruħha mal-glossarju razzjali. Edukaturi li għandhom ħakma tajba tat-terminoloġija awtomatikament jifhmu l-kumplessità ta' dan il-qasam u jkunu f'qagħda li jikkomunikaw b'mod kumpless fuq is-suġġett.

## Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, maħruġ mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni f'Diċembru ta' l-1999, huwa mnebbaħ minn politika edukattiva li għandha l-għan li tissoċjalizza lill-istudenti f'kultura demokratika, pluralista u inkluživa. Għalhekk, id-dokument joffri punt ta' tluq tajjeb għal kull min irid jiżviluppa pedagoġija anti-razzista.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jagħraf l-intensifikazzjoni tal-proċess multikulturali f'pajjiżna. Din l-isfida soċjali titlob li "is-sistema edukattiva...tħarreg lill-istudenti fl-arti tar-rispett, il-kooperazzjoni, u s-solidarjetà bejn il-kulturi" (p.24). L-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet għandu jgħin lill-istudenti "jifhmu aħjar id-differenzi individwali, lokali u reġjonali...biex ikunu jistgħu jgħixu b'mod effettiv u produttiv f'kuntest ikkaratterizzat mid-diversità soċjo-kulturali" (p.24).

Biex din l-isfida titwettaq, il-komunità edukattiva trid twarrab sistemi ta' tagħlim mibnija fuq l-illużjoni ta' klassijiet/gruppi omoġenji u, skond il-Kurrikulu, tħaddan u tħaddem "pedagoġija li tirrispetta u tiċċelebra l-kalejdoskopju ta' realtajiet u stejjer personali

***Il-mewġa qawwija ta' preġudizzju razzjali li ħakmet 'il-pajjiż f'dawn l-aħħar ġimgħat ħasdet u nikktet...***



News International

li jiddefinixxu kull klassi f'kull skola f'Malta" (p.30). B'dan il-mod, l-istudenti jibdew jgħixu u jqisu d-diversità bħala barka soċjali.

L-għarfien, ir-rispett u ċ-ċelebrazzjoni tad-differenzi m'humiex kunċetti astratti iżda esperjenzi konkreti. Għalhekk, is-solidarjetà soċjali tista' tibda tixxettel mit-tfulija bikrija. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jisħaq li minn kmieni t-tfal għandhom jipparteċipaw fi proċess edukattiv li jgħinhom "jidentifikaw, japprezzaw u jimmanifestaw...id-differenzi ta' bejniethom ...jiżviluppaw sens ta' kooperazzjoni...u rispett tad-drittijiet umani u tal-ħlejqiet l-oħra" (p.74). L-infrastruttura teknoloġika eżistenti u futura, u riżorsi oħrajn, għandhom jitpoġġew għas-servizz tal-prinċipju tad-diversità. It-teknoloġija ta' l-informatika għandha twassal biex il-proġett ta' kooperazzjoni u għarfien tad-diversita' jaqbeż ix-xefaq ta' pajjiżna u, skond il-Kurrikulu, l-istudenti Maltin "jersqu eqreb lejn studenti li qed jgħixu fi rkejjen differenti tad-dinja" (p.27).

> "Is-sistema edukattiva hija waħda mill-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili fejn l-Istat u l-Knisja jistgħu jirreżistu r-razziżmu"

Programm edukattiv li għandu l-għan li jtella' lill-istudenti b'mentalità anti-razzista ma jistax jaħrab minn analiżi storika ta' kif ir-razziżmu jissawwar u jinfirex. Barra minn hekk, l-apprezzament ta' kulturi differenti jistrieħ fuq informazzjoni dwar il-faċċati differenti tal-ħajja f'pajjiżi u reġjuni ġeografiċi differenti. Għalhekk, il-pedagoġija anti-razzista għandha l-għeruq tagħha fil-fatti storiċi u attwali.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jagħraf l-ħtieġa li l-istudenti jagħnu l-kapital kulturali tagħhom f'dan il-qasam. Fit-taqsima li titratta l-*Għanijiet Ġenerali* d-dokument iħeġġeg lill-iskejjel biex ilaqqgħu lit-tfal mal-kultura, l-istorja u r-reliġjonijiet differenti fir-reġjun tal-Mediterran u l-istorja ta' Malta bħala parti minn dan ir-reġjun...il-kultura, l-istorja u r-reliġjonijiet differenti tal-Kontinent Ewopew (p. 51). Din id-dimensjoni Ewro-Mediterranja, imżewga mal-bżonn li "l-pajjiż jkollu wkoll nukleu ta' nies li għandhom ħakma tajba ta' ilsna meqjusa bħala strateġikament importanti, bħaċ-Ċiniż, il-Ġappuniż, ir-Russu u l-Għarbi" (p.82), u l-bżonn ekumeniku li l-istudenti jsiru jafu aktar "il-karatteristiċi tar-Reliġjonijiet ewlenin u dwar kif kull waħda tipprova twiegeb għall-istess mistoqsijiet fundamentali għall-eżistenza umana" (p.52), fost għerf ieħor, toffri sfond informattiv għat-tkattir ta' l-interess, it-tqarrib, il-fehem u s-solidarjetà ma' soċjetajiet u kulturi differenti.

> *Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jagħraf l-intensifikazzzjoni tal-proċess multikulturali f'pajjiżna.*


TES

Skejjel li huma mpenjati li joffru kuntest edukattiv kulturalment pluralista u anti-razzjali għandhom isibu fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali l-ingredjenti bażiċi biex jaħmu pedagoġija li twassal biex l-istudenti jikkonfrontaw t-territorjaliżmu kulturali.

Kurrikulu anti-razzist għandu jagħraf il-bżonn li jinkludi għerf u perspettivi li m'humiex mill-Punent. L-ewroċentriżmu jxejjen u jikkontradixxi l-impenn lejn multikulturaliżmu ġenwin, u jimblokka l-possibilità li l-istudenti jagħrfu r-razziżmu u l-opressjoni fihom infushom u fis-soċjetà. Fil-fatt, kurrikulu ewroċentriku jappoġġja, b'mod konxju jew passsiv, is-superjorità tal-ħsieb tal-Punent fuq kull ħsieb ieħor, u jagħlaq lill-istudenti f'fortizza kulturali. Din il-fortizza trawwem fl-istudenti mentalità li dak kollu li huwa tajjeb, avvanzat, progressiv u sofistikat għandu l-għeruq tiegħu fil-ħsieb u l-ġenju tal-Punent.

## Programmi Edukattivi fl-Iskejjel

Pedagoġija anti-razzista ma tiżolax dan l-impenn f'suġġett speċjalizzat. Fi kliem ieħor, fejn hemm impenn ġenwin lejn din il-pedagoġija l-għalliema kollha u l-bqija tal-komunità edukattiva huma responsabbli għat-twettiq ta' dan il-proġett soċjo-kulturali. B'hekk l-iskola tevita li toħloq għejjer kulturali inkompatibbli u/jew kontradittorji.

Programm edukattiv f'dan il-qasam irid jagħraf il-proċess ta' l-iżvilupp uman. Fl-isfond tat-tfulija bikrija l-programm jieħu xejra konkreta u qrib il-ħajja immedjata tat-tfal. L-iżvilupp ta' l-istima personali huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin f'dan il-qasam. It-trawwim ta' stima personali jgħin lit-tfal individwali japprezzaw lill-ħbiebhom u 'l-adulti li jiffurmaw parti minn ħajjithom. Permezz ta' l-iżvilupp ta' l-istima personali l-infrastruttura emozzjonali tkun f'qagħda li titmalja ma' l-esperjenza konkreta u viżibbli tad-differenzi. L-esperjenza konkreta tat-tfal f'din il-fażi tal-kontinwu uman timmanifesta ruħha f'differenzi fiżiċi, f'ilbies, ikel u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali differenti, u f'tipi differenti ta' mużika, żfin u attivitajiet konkreti oħra.

Fil-livell primarju l-programm edukattiv ikompli jibni fuq il-proċess mibdi fit-tfulija bikrija. F'dan il-livell, it-tfal jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom ma' letteratura internazzjonali u ma' l-istorja u l-iżvilupp ta' tradizzjonijiet lokali u reġjunali, u jsiru jafu aktar dwar kif kulturi, soċjetajiet u komunitajiet differenti jwiegbu għall-bżonnijiet fundamentali tal-bniedem. L-istess programm irid jaħseb biex l-informazzjoni tintiseġ ma': żvilupp ta' attitudni pożittiva u kritika lejn kulturi differenti; rieda li wieħed jitgħallem mill-esperjenzi ta' kulturi differenti; u rieda li wieħed jirreżisti forom differenti ta' preġudizzju, intolleranza u diskriminazzjoni. Dan l-iżvilupp attitudinali, flimkien ma' l-għarfien neċessarju, għandu jiffaċilita l-proċess ta' żvilupp ta' ħiliet fil-koperazzjoni, djalogu, ħsieb kritiku, soluzzjoni ta' problemi u konflitti, empatija, u bini ta' argument, fost ħiliet oħra. Mingħajr l-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet il-proġett anti-razzista fil-livell primarju jibqa' eżerċizzju akkademiku.

Fil-livell sekondarju, l-esperjenza konkreta



TES

*Programm edukattiv li għandu l-għan li jtella' lill-istudenti b'mentalità anti-razzista ma jistax jaħrab minn analiżi storika ta' kif ir-razziżmu jissawwar u jinfirex.*

tibqa' l-perm li fuqu ddur il-pedagoġija anti-razzista. It-tisħiħ tal-ħsieb kritiku u riflettiv għandu jwassal biex il-programm jieħu xejra aktar prassjali. Dan ifisser li l-esperjenza personali u soċjali ta' l-istudenti tintefa' taħt il-lenti kritika tal-klassi bit-tama li sseħħ xi forma ta' trasformazzjoni f'ħajjithom. B'mod aktar speċifiku, il-pedagoġija anti-razzista fis-settur sekondarju għandha tgħin lill-istudenti:

- jagħrfu kif tissawwar identità razzjali;
- jirriflettu dwar kif qegħdin jipparteċipaw fil-proġett razzista;
- jagħrfu l-impatt tar-razziżmu fuq l-iżvilupp personali u soċjali tagħhom;
- jagħrfu l-proċess ta' soċjalizzazzjoni f'kultura razzista;
- jagħrfu u jifhmu kif ir-razziżmu jimmanifesta ruħu f'forom u livelli differenti;
- jagħrfu d-differenza bejn razziżmu attiv u dak passiv;
- jifhmu kunċetti bħal privileġġi soċjali, kollużjoni u razziżmu internalizzat;
- jagħrfu l-esperjenzi ta' popli minn kuntesti razzjali u etniċi differenti;
- jagħrfu r-rabta bejn ir-razziżmu u l-ekonomija internazzjonali;
- jagħrfu u jifhmu kif r-razziżmu jista' jitħallat ma' forom oħra ta' oppressjoni biex persuni jsofru minn oppressjoni multiplika;
- jidentifikaw forom differenti ta' azzjoni anti-razzista;
- jaħdmu b'mod effettiv f'kuntest multirazzjali; u
- jiżviluppaw il-ħiliet u l-kunfidenza biex isiru aġenti ta' bidla.

Tul il-vjaġġ skolastiku l-istudenti għandhom jaffermaw l-identità tagħhom, jitgħallmu jikkonfrontaw lilhom infushom, jibdew janalizzaw u jipproblematizzaw l-preġudizzji, l-intolleranza u l-injuranza kulturali, jiċċelebraw id-diversità u jibdew jaħdmu biex il-mużajk kulturali jsir politika personali u soċjali.

**"L-iskola għandha tinvesti f'kotba u materjal ieħor li jindirizza l-multi-kulturaliżmu u l-anti-razziżmu"**

## Taħriġ ta' l-Għalliema

Għalliema li ma jammettux il-problema serja ta' razziżmu li hawn Malta jew/u ma jaħsbux li s-sistema edukattiva għandha tindirizza din il-problema, x'aktarx se jirreżistu proġett bħal dan. F'kuntest ta' reżistenza d-djalogu ma' l-għalliema huwa indispensabbli.

Għalhekk, l-aħjar mod kif wieħed jibda proġett anti-razzista fi skola huwa permezz ta' riċerka interna li teżamina l-għarfien u l-attitudnijiet ta' l-għalliema f'dan il-qasam partikulari.

Ir-riżultat ta' l-istħarriġ jipprovdi kuntest idejali għal djalogu ma' l-għalliema u possibiltà ta' anqas reżistenza għall-proġett.

Skola li tħoss li hemm l-infrastruttura kulturali neċessarja biex tvara l-proġett għandha tibda mill-pjan ta' l-iżvilupp. Proġett bħal dan għandu jifforma parti integrali mill-viżjoni globali ta' l-iskola. L-għarfien tal-bżonn ta' pedagoġija anti-razzista fil-pjan ta' l-iżvilupp jagħti sens ta' permanenza u uffiċjalità lill-proġett.

Il-programm ta' taħriġ għandu jkun imnebbaħ mir-riżultat tar-riċerka interna u mid-djalogu li jiżvolġi wara l-istħarriġ. Ma teżisti l-ebda riċetta li tindirizza l-bżonijiet ta' kull skola. Għalhekk, dan li nissuġġerixxi hawn taħt irid jitqies bħala ideja ġenerali ta' x'jistgħu jkunu l-ingredjenti bażiċi ta' programm ta' taħriġ. Il-letteratura f'dan il-qasam tissuġġerixxi li l-għalliema għandhom jiġu megħjuna biex:

- jiżviluppaw għarfien dwar l-identità tagħhom;
- jeżaminaw l-għerf, l-attitudnijiet u l-esperjenzi personali;
- jiffamiljarizzaw ruħhom mat-terminoloġija u mal-kunċetti użati fid-dikors dwar ir-razziżmu;
- jeżaminaw ir-rabta bejn esperjenza personali u razziżmu sistemiku;
- jeżaminaw ir-rabta bejn razziżmu individwali u dak istituzzjonali;
- jeżaminaw kif diversi forom ta' oppressjoni jikkumplikaw il-problema tar-razziżmu;
- jeżaminaw kif it-twaħħil fil-vittma ħafna drabi jservi bħala mezz ta' razzjonalizzazzjoni għar-razziżmu;
- jeżaminaw kif l-ewroċentriżmu jiddomina d-definizzjoni ta' kultura;
- jeżaminaw kif is-sistema edukattiva tista' ssir aktar rilevanti kulturalment;
- jeżaminaw mudelli differenti ta' pedagoġija multikulturali u anti-razzista;
- jiltaqgħu ma' attivisti li jaħdmu fil-qasam tal-multikulturaliżmu u ta' l-anti-razziżmu;
- jippreparaw u jiżviluppaw proġett anti-razzista għall-iskola;
- jirriflettu dwar kif jistgħu jibnu komunità permanenti ta' attivisti fil-qasam.

It-taħriġ ta' l-għalliema m'għandux jieqaf ma' tmiem il-programm ta' taħriġ tal-bidu. It-taħriġ kontinwu, f'forma ta' laqgħat djalogali u riflettivi, għandu jsostni l-proġett. Flimkien mat-taħriġ l-iskola għandha tinvesti f'kotba u materjal ieħor li jindirizza l-multikulturaliżmu u l-anti-razziżmu. Wara l-istħarriġ tal-bidu, ir-riċerka interna għandha tintuża biex tinforma lill-komunità edukattiva dwar xejriet fl-iżvilupp tal-proġett, fosthom tibdil fl-attitudni tal-parteċipanti kollha.

## Tmiem

Ir-razziżmu għandu storja, kawżi, struttura u konsegwenzi. Ir-riflessjoni dwar dawn l-aspetti differenti tar-razziżmu toffri tama ta' azzjoni effettiva maħsuba biex tirreżisti r-razziżmu f'Malta. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali iħajjar lill-iskejjel biex jibdew programmi edukattivi li b'mod sistematiku u ppjanat jgħinu lill-istudenti jikkonfrontaw dan il-monstru soċjali.

Dan l-impenn iġib miegħu il-bżonn ta' taħriġ kontinwu ta' l-għalliema u investiment f'riżorsi u riċerka maħsuba biex isostnu l-proġett.